**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 123/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**(Spettur Ritienne Gauci)**

**Vs**

**Anthony Borg**

**Illum 13 ta' April 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet[1] dedotti fil-konfront ta' Anthony Borg, iben Peter u Vicenza neè Cassar, imwieled Birkirkara fil-21 ta' Frar 1983, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 260783(M):

Talli b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

Nhar id-19 ta' Frar 2022 għall-ħabta tad-9:30 ta' filgħodu minn ġewwa l-ħanut "JB Stores", Triq Karmenu Vassallo, Iklin:

1. Ikkommetta serq ta' statwa u/jew oġġetti oħra, għad-detriment ta' Christopher Sant u/jew persuna/i oħra u/jew kumpaniji oħra, bi ksur ta' l-Artikolu 284 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ukoll talli nhar is-26 ta' Frar 2022 għall-ħabta ta' l-10:00 ta' filgħodu minn ġewwa il-ħanut Papier, Triq it-Torri, Sliema:

2. Ikkommetta serq ta' fwejjaħ u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, liema ammont ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' David Nicholas Schembri u/jew persuna/i oħra u/jew kumpaniji oħra, bi ksur ta' l-Artikoli 261, 267 u 279(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Fol. 57 u 58 tal-proċess.

Ukoll talli nhar is-26 ta' Frar 2022 għall-ħabta ta' l-10:30 ta' filgħodu minn ġewwa il-ħanut L'Occitane, Triq ix-Xatt, Sliema:

3. Ikkommeta serq ta' fwejjaħ u/jew oġġetti oħra, għad-detriment ta' Rochelle Apap u/jew persuna/i oħra u/jew kumpaniji oħra, bi ksur ta' l-Artikolu 284 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ukoll talli fix-xahar ta' Frar 2022 f'dawn il-Gżejjer:

4. Kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Victor Axiaq LL.D., datata 14 ta' Diċembru 2020, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

5. Naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Malta) u cioè mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera LL.D., mid-Digriet datat 9 ta' Marzu 2021 u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-ammont stabilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta kif ukoll il-Qorti tordna r-riarrest ta' Anthony Borg ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tittratta ma' Anthony Borg bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta huwa kien ġie misjub ħati u kkundannat għal reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni, fosthom il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, markati Dok. "JR1" sa' Dok. "JR8" a fol. 7 sa' 44 tal-proċess;

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi tratta bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[2];

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Jonathan Ransley mogħtija waqt is-seduti tat-22 ta' Marzu 2022[3] u tas-7 ta' April 2022[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JR9" a fol. 65 tal-proċess u Dok. "JRX" a fol. 95 sa' 101 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Ritienne Gauci mogħtija waqt is-seduti tat-22 ta' Marzu 2022[5] u tat-28 ta' April 2022 u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "RG1" sa' Dok. "RG4" a fol. 69 sa' 73 tal-proċess[6] u d-dokument, ossia sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Anthony Borg" datata 14 ta' Diċembru 2020, markata Dok. "RG" a fol. 172 sa' 176

[2] Fol. 61 tal-proċess.
[3] Fol. 62 sa' 64 tal-proċess.
[4] Fol. 94 tal-proċess.
[5] Fol. 66 sa' 68 tal-proċess.
[6] Id-dokument markat Dok. "RG3" għandu Esebit Nru. KA102/2022, fol. 169 tal-proċess.

tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' David Schembri[7], ta' Christopher Sant[8] u ta' Rochelle Apap[9], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2022 u rat id-dokumenti esebiti minn David Schembri markati Dok. "DS" u Dok. "DS1" a fol. 77 u 78 tal-proċess u d-dokument esebit minn Rochelle Apap markat Dok. "RA" a fol. 84 u 85 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS1033 Sandro Mangion[10], ta' PS1037 Saviour Mifsud[11], ta' PS649 Joseph Buhagiar[12], ta' PC470 Matteo Daga[13] u ta' PC438 William Borg[14], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' April 2022 u rat id-dokument esebit minn PS1033 Sandro Mangion markat Dok. "SM" a fol. 104 sa' 110 tal-proċess, id-dokument esebit minn PS1037 Saviour Mifsud markat Dok. "X" a fol. 113 sa' 116 tal-proċess, id-dokument esebit minn PS649 Joseph Buhagiar markat Dok. "JB" a fol. 121 sa' 124 tal-proċess u d-dokument esebit minn PC438 William Borg markat Dok. "WB" a fol. 129 sa' 156 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Sarah Bezzina mogħtija waqt is-seduti tat-12 ta' April 2022[15] u tat-12 ta' Mejju 2022[16], u x-xhieda tal-Psikoterapista Isabelle Jacobsen[17] u ta' l-Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali Stefania Calafato Testa[18] mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2022 u rat id-dokument, ossia atti tad-Digriet fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Anthony Borg" mogħti mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, esebit mill-Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali markat Dok. "ST" a fol. 194 sa' 222 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Roderick Mifsud in rappreżentanza tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju 2022[19] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "RM" a fol. 229 sa' 241 tal-proċess;

Rat l-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront ta' l-imputat, bil-kunsens tiegħu, permezz ta' Digriet datat 12 ta' Mejju 2022, a fol. 242 u 245 tal-proċess;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża u rat is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Emanuel Abela" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-13 ta' Ottubru 2014, esebita mid-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, nhar id-19 ta' Frar 2022 għall-ħabta tad-9:30a.m., minn ġewwa l-ħanut "JB Stores", Triq Karmenu Vassallo, Iklin: (1) ikkommetta serq ta' statwa u/jew oġġetti oħra, għad-detriment ta' Christopher Sant u/jew persuna/i oħra u/jew kumpaniji oħra, bi ksur

[7] Fol. 74 sa' 76 tal-proċess.
[8] Fol. 79 sa' 81 tal-proċess.
[9] Fol. 82 u 83 tal-proċess.
[10] Fol. 102 u 103 tal-proċess.
[11] Fol. 111 u 112 tal-proċess.
[12] Fol. 117 sa' 120 tal-proċess.
[13] Fol. 125 u 126 tal-proċess.
[14] Fol. 127 u 128 tal-proċess.
[15] Fol. 159 sa' 168 tal-proċess.
[16] Fol. 224 u 225 tal-proċess.
[17] Fol. 187 sa' 191 tal-proċess.
[18] Fol. 192 u 193 tal-proċess.
[19] Fol. 226 sa' 228 tal-proċess.

ta' l-Artikolu 284 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; Ukoll talli nhar is-26 ta' Frar 2022 għall-ħabta ta' l-10:00a.m., minn ġewwa il-ħanut Papier, Triq it-Torri, Sliema: (2) ikkommetta serq ta' fwejjaħ u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, liema ammont ma jeċċedix €2,329.37, għad-detriment ta' David Nicholas Schembri u/jew persuna/i oħra u/jew kumpaniji oħra, bi ksur ta' l-Artikoli 261, 267 u 279(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; Ukoll talli nhar is-26 ta' Frar 2022 għall-ħabta ta' l-10:30a.m., minn ġewwa il-ħanut L'Occitane, Triq ix-Xatt, Sliema: (3) ikkommeta serq ta' fwejjaħ u/jew oġġetti oħra, għad-detriment ta' Rochelle Apap u/jew persuna/i oħra u/jew kumpaniji oħra, bi ksur ta' l-Artikolu 284 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; Ukoll talli fix-xahar ta' Frar 2022 f'dawn il-Gżejjer: (4) kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Victor Axiaq LL.D., datata 14 ta' Diċembru 2020, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel; (5) naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Malta) u cioè mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera LL.D., mid-Digriet datat 9 ta' Marzu 2021 u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet hekk dedotti fil-konfront tiegħu.

Il-Qorti ser tgħaddi biex tittratta l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat, waħda waħda.

**L-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar id-19 ta' Frar 2022 għall-ħabta tad-9:30a.m., minn ġewwa l-ħanut "JB Stores", Triq Karmenu Vassallo, Iklin, ikkommetta serq ta' statwa u/jew oġġetti oħra, għad-detriment ta' Christopher Sant u/jew persuna/i oħra u/jew kumpaniji oħra, bi ksur ta' l-Artikolu 284 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-fini ta' din l-imputazzjoni xehdu l-Ispettur Jonathan Ransley, l-Ispettur Ritienne Gauci, PS1037 Saviour Mifsud u Christopher Sant.

**L-Ispettur Jonathan Ransley**[20] xehed illi *fil-21 ta' Frar ta' din is-sena, ċertu Christopher Sant, fil-kapaċità tiegħu bħala Manager il-JB Stores ta' l-Iklin, irrapporta illi fit-8:30a.m. kienu nnotaw statwa ta' tigra jew leopard nieqsa. Is-Sur Sant ra l-footage u ġie stabbilit illi fid-19 ta' Frar, żewġ min-nies mhux magħrufa miegħu kienu ħadu din l-istatwetta. Kien jidher mill-footage illi wieħed minnhom kien liebes ġakketta sewda u l-ieħor kien liebes hoodie aħmar bil-kelma Fila fuq sidru u t-tnejn kienu lebsin is-surgical masks. Tawna deskrizzjoni, fil-fatt tawha lill-Ispettur Ritienne Gauci … fejn tawha karta bid-deskrizzjoni ta' din l-istatwa li hija ta' leopard bid-dimensjoni ta' 32cm by 25cm u għolja 37cm u l-prezz tagħha kien ta' €164 cost price.* L-Ispettur Ransley xehed ukoll dwar serqa oħra li seħħet ġewwa Tas-Sliema, li ser tiġi trattata iktar 'l quddiem f'din is-sentenza, u żied jgħid *kif sirt naf bis-serqa, konna nfurmati aħna l-Ispetturi għaliex għandha Group Chat bejnietna*

[20] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2022, fol. 62 sa' 64 tal-proċess.

*biex jara minn jagħraf lis-suspettat u kont staqsejt jekk hemm xi ħadd għandu xi suspett f'dawn in-nies u kienet irrispondietni l-Ispettur Ritienne Gauci, kienet infurmatni bis-serqa li għadni kemm semmejt ta' l-Iklin u irriżultalna kemm lilha u kemm lili jiġifieri mill-informazzjoni li qalulna l-Ispetturi l-oħra li l-persuna kienet ċertu Anthony Borg, magħna magħruf bħala l-Ħasi, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 260783(M). Fil-fatt, bagħtulna wkoll ritratt minn fuq Facebook tas-Sur Anthony Borg illi kien liebes l-istess hoodie aħmar bil-kelma Fila fuq sidru. Fis-7 ta' Marzu, konna tlabna lis-Cyber Crime Unit sabiex izzomulna r-ritratt u jiġi preservat minn fuq Facebook … u in vista ta' dan kollna applikajna u għamilna rikors u fil-fatt, l-Ispettur Ritienne Gauci kienet għamlet rikors għall-mandat t'arrest fis-7 ta' Marzu ta' din is-sena u ġie awtorizzat u ffirmat mill-Maġistrat ta' l-Għassa Dr. Josette Demicoli. L-arrest tas-Sur Anthony Borg ġara iktar tard matul il-ġurnata, fil-fatt kienu marru n-nies ta' l-Għassa tan-Naxxar, in-nies ta' l-Ispettur Gauci, arrestaw lis-Sur Gauci* [recte: Borg] *mir-residenza tiegħu mill-Isla u waqt is-search sabu l-hoodie Fila li se jiġi esebit mill-Ispettur Ritienne. Ittieħed l-Għassa tan-Naxxar biex jiġi interrogat, ġie infurmat bid-drittijiet tiegħu mingħandi u kien hemm preżenti l-Ispettur Ritienne Gauci, spjegatlu d-drittijiet tiegħu u fil-fatt kien ikkonsulta ma' l-avukat tiegħu Dr. David Gatt. Jiena kellimt lil Dr. David Gatt ukoll bit-telephone, infurmajtu b'dak kollu illi kellna, qabel l-interrogazzjoni, lis-Sur Anthony Borg urejnieh dak li kellna, jiġifieri tajnieh id-disclosure kollu, però minkejja dan, hu għażel li ma jirrispondix kif inhu d-dritt tiegħu, għad-domandi magħmula u kien fil-fatt naqas ukoll milli jgħidilna min kienet il-persuna l-oħra li kienet miegħu f'dan is-serq. Il-hoodie ġiet issiġillata f'evidence bag MC00024260. Sussegwentement, fit-8 ta' Marzu ġie mressaq taħt arrest quddiem il-Maġistrat ta' l-Għassa Dr. Astrid May Grima fejn kien ġie rappreżentat mill-Avukat ta' l-Għajnuna Legali Dr. Maria Karlsson, li kienu wieġbu mhux ħatja għall-akkużi.*

Fix-xhieda li tat **l-Ispettur Ritienne Gauci**[21], hija essenzjalment ikkonfermat dak kollu li qal l-Ispettur Jonathan Ransley. L-Ispettur Gauci esebiet stills taż-żewġ persuni li ġew innutati fil-ħanut JB Stores ta' l-Iklin u l-footage nnifsu li juri lil dawn iż-żewġ persuni - Dok. "RG1" u Dok. "RG2" a fol. 69 u 70 tal-proċess. L-Ispettur ikkonfermat ukoll li talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' Mandat ta' Arrest fil-konfront ta' l-imputat, bid-dokumentazzjoni relattiva ġiet minnha esebita bħala Dok. "RG4" a fol. 72 u 73 tal-proċess. Ikkonfermat ukoll li meta l-Pulizija marru ġewwa r-residenza ta' l-imputat l-Isla, minn fejn huwa kien ġie arrestat, sabu w elevaw hoodie aħmar bil-kelma Fila fuqu, li tqiegħed f'evidence bag bin-numru MC00024260, liema evidence bag ġie esebit bħala Dok. "RG3". L-Ispettur għarfet ukoll l-istqarrija rilaxxata minn Anthony Borg, Dok. "JR7" a fol. 41 sa' 43 tal-proċess, u għarfet lill-imputat odjern bħala Anthony Borg.

**PS1037 Saviour Mifsud**[22] xehed illi *fil-21 ta' Frar ta' din is-sena ġie ċertu Christopher Sant li huwa rappreżentant tal-JB Stores li jinsab ġewwa Triq Karmenu Vassallo, l-Iklin, fejn infurmana li fid-19 ta' l-istess xahar ta' Frar ta' l-istess sena, ġie nieqes iljun ta' kulur isfar minn ġewwa l-istess ħanut JB Stores. Min-naħa tagħna tlabnieh jippreżenta jekk għandux xi filmati illi jistgħu juru x'ġara u x'ma ġarax, fejn tana footage tas-CCTV camera fejn jidhru żewġ persuni jduru ġol-ħanut, wieħed kien liebes ġakketta griża u l-ieħor kien liebes hoodie ħamra. … Dawn*

[21] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2022, fol. 66 sa' 68 tal-proċess.
[22] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' April 2022, fol. 111 u 112 tal-proċess.

*iż-żewġ persuni maskili bdew joqgħodu għassa għan-nies biex jaraw li ħadd ma jarahom, kien hemm mara bdiet tilgħab bil-mobile u dejjem kienu għassa għaliha, kif din il-mara mxiet minn fejn kien hemm dan l-iljun ta' kulur isfar, tal-hoodie aħmar qagħdlu għassa ma' bieb u kif ra li m'hemm ħadd, il-persuna l-oħra tal-ġakketta l-griża refa' l-iljun u ħarġu bih minn ġol-ħanut.*

PS1037 Saviour Mifsud ippreżenta r-rapport li għamel Christopher Sant nhar il-21 ta' Frar 2022, markat Dok. "X" a fol. 113 sa' 116 tal-proċess.

**Christopher Sant**[23] xehed illi kien ġie mistoqsi mill-Manager l-ieħor miegħu ġewwa l-ħanut JB Stores, l-Iklin, jekk statwetta ta' iljun tad-deheb kenitx ġiet mibjugħa jew x'sar minnha u meta hu rrispondih fin-negattiv huma ċċekkjaw is-CCTV cameras tal-ħanut. Fir-rigward Christopher Sant xehed illi *jien, li qisni naf nopera naqra l-cameras, videos u hekk, qbadt u ċċekkjajt, qisu qgħadt nara ftit siegħat u rajna raġel, l-ewwel iduru magħha, jarawha, jiċċekkjaw il-prezz u hekk imbagħad ftit wara jeħduha u ħarġu minn bieb viċin minn hemmhekk. ... kien hemm tnejn imma wieħed qabdu.* Sant qal li għalkemm huwa ma rahomx deħlin fil-ħanut flimkien, raħhom joħorġu flimkien mill-ħanut bl-istatwa fl-idejn. Xehed ulterjorment illi *mort l-Għassa ta' Birkirkara, l-ewwel kelli xi affarijiet fuq il-mobile u wrejtulu mbagħad qalli biex nagħmlu fuq CD u bgħatuli email ukoll.* Ikkonferma li d-dokument Dok. "JR5" a fol. 39 tal-proċess huwa stock list tal-ħanut minn liema jirriżulta l-cost price ta' l-istatwetta in kwistjoni.

Fis-sottomissjonijiet finali d-Difiża sostniet li l-prova prinċipali tal-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' din l-imputazzjoni partikolari dedotta fil-konfront ta' l-imputat huwa il-filmat tal-footage mis-sistema ta' CCTV cameras tal-ħanut JB Stores li juri l-akkadut. La tali filmat huwa hekk ċentrali għall-każ tal-Prosekuzzjoni kontra l-imputat, jassumi rilevanza ferm importanti l-kunċett ta'*chain of custody* ta' l-istess filmat, *chain of custody* li skond id-Difiża f'dan il-każ ma ġietx segwita u preservata kif suppost. In effetti d-Difiża tikkontendi li l-footage ma ġie kkonfermat minn ħadd bil-ġurament, la mill-Ispettur li esebietu, la mis-Surġent u lanqas minn Christopher Sant. Issostni wkoll li l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li turi kif ġie elevat il-filmat u kif wasal f'iden il-Pulizija. Dan kollu, skontha, jeffettwa u jimpinġi fuq il-valur probatorju tal-filmat esebit in atti. In sostenn ta' dak minnha sottomess, id-Difiża għamlet referenza għal dak osservat dwar il-kunċett ta' *chain of custody* u dwar il-*Guidelines for Evidence Collection and Archiving* fis-sentenzi fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Gaetano Abdilla et", deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-8 ta' Jannar 2020 u "Il-Pulizija v. Alfred Degiorgio", ukoll deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-12 ta' Diċembru 2018.

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Gaetano Abdilla et**, il-kwistjoni li ġiet trattata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet dwar il-fatt li l-Prosekuzzjoni straħet fuq rapporti magħmula minn Esperti *ex parte* u mhux minn Esperti nominati mill-Qorti, u wkoll dwar il-fatt li r-rapport ta' l-Espert in segwitu maħtur mill-Qorti ta' Prim' Istanza ma setgħax jitqies bħala prova ammissibbli. Fir-rigward appuntu tal-kwistjoni sollevata mill-imputati appellanti li kkontestaw il-valur probatorju tat-testijiet li saru u li ġew esebiti mill-Prosekuzzjoni in sostenn tal-każ kontrihom, il-Qorti ta' l-Appell

[23] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2022, fol. 79 sa' 81 tal-proċess.

Kriminali osservat illi *l-Qorti tistqarr minnufih illi l-appellanti għandhom raġun f'dan l-ilment minnhom ivventilat. Dan għaliex sakemm il-kampjuni waslu f'idejn il-Qorti dawn ġew mgħoddija minn ħafna idejn fejn saħansitra fuq uħud minnhom saru eżamijiet indipendenti minn esperti ex parte ta' l-Awtorità kwerelanti. Mhux biss, iżda wkoll meta l-Ewwel Qorti ħatret l-espert tagħha sabiex isiru l-eżamijiet ta' dawn il-kampjuni meta kif ingħad, l-evidenza kienet digà ġiet ikkontaminata, anke l-espert Dr. George Peplow ma eżegwiex dawn l-eżamijiet huwa stess. Mir-rapport tiegħu esebit a fol. 52 et seq tal-proċess jirriżulta illi l-kampjuni ġew minnu ssiġillati u mibgħuta permezz ta' trasportatur privat inkarigat mill-espert, Agritrans Ltd., tas-Siġġiewi, tramite ċertu Tony Schembri li wassalhom sa' Pozzallo permezz tal-Virtu Ferries. Jidher li dawn imbagħad ġew miġbura minn impjegat inkarigat mil-laboratorju Centro Analisi ta' Sirakuża liema laboratorju imbagħad bagħat dawn il-kampjuni lil laboratorju ieħor bl-isem Natura ġewwa Napli li mbagħad finalment eżegwixxa l-eżamijiet forensiċi. Ma jirriżultax mill-atti illi kemm it-trasportatur kif ukoll il-laboratorji inkarigati mill-espert Peplow qatt ġew maħtura mill-Ewwel Qorti biex jieħdu ħsieb jagħmlu t-trasport u l-eżamijiet meħtieġa rispettivament. Dan ifisser allura illi mhux biss l-Ewwel Qorti ma setatx tistrieħ fuq il-konklużjonijiet milħuqa mix-xjenzati li għamlu l-eżamijiet meħtieġa ġewwa l-laboratorju Saybolt, iżda lanqas setgħet tistrieħ fuq l-eżamijiet li saru fuq il-kampjun issiġġilat u esebiet mill-Prosekuzzjoni billi mhux biss dan il-kampjun ma ġiex ippreservat u miżmum taħt l-Awtorità tagħha mill-mument li ġie elevat għaliex kien f'idejn l-Awtorità kwerelanti, iżda ukoll għaliex lanqas l-espert minnha nominat ma eżegwixxa l-eżamijiet forensiċi huwa stess iżda għaddiehom lil terzi persuni estranji għal każ u li qatt ma ġew minnHa nominati sabiex jagħmlu x-xogħol li l-espert iddeċieda hu minn jeddu u mingħajr l-awtorizazzjoni tal-qorti li kien meħtieġ illi jsir.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Alfred Degiorgio**, il-punt trattat kien dwar il-valur probatorju ta' impronta diġitali li ġiet elevata u x-xogħol ta' komparazzjoni li sar fuqha. Fir-rigward il-Qorti ta' l-Appell osservat is-segwenti: *illi għalkemm huwa minnu li l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal konklużjoni illi l-appellant f'xi żmien kien mess b'idejh il-basket tal-plastik ta' lewn aħmar u abjad bil-kliem fuqu "Tip Toes Shoe Store", madanakollu dan ma ifissirx per konsegwenza illi huwa qabad ukoll il-flus b'idejh. Dan għaliex ma huwiex possibbli fl-ewwel lok li jiġi stabbilit iż-żmien meta il-basket intmess mill-appellant, jekk hux qabel il-kummissjoni tad-delitt tas-serq tal-flus jew wara. Lanqas jista' jiġi stabbilit jekk meta intmess dak il-basket dan kienx diġa' mimli bil-flus o meno. Dan għaliex il-provi li hemm fl-atti jindikaw illi meta il-flus inharġu mill-bank HSBC u tpoġġew fil-vann tal-"Group 4", dawn kienu ippakkeġġjati b'mod differenti u mhux fil-basket tal-plastik l-aħmar bil-kliem "Tip Toes". Tgħid hekk Marisa Scerri li xehdet in rappreżentanza tal-bank derubat: "il-flus jiġu mpoġġija f'boroż appożiti bl-ittri HSBC liema ittri jsiru permezz tal-kitba tagħna. Fuq il-boroż ikun hemm immarkat it-tip ta' munita u cioè ta' liema pajjiż tkun l-ammont. Dawn il-boroż jitpoġġew f'boroż oħra li allura ma jkollha l-ebda indikazzjoni, nissiġġilawhom b'tag tal-Group 4 ... u jkunu issiġġillati b'ċomba." Tgħid imbagħad illi dawn is-siġilli jiġi ttimbrat minn rappreżentanti tad-Dwana. Meta imbagħad jixhed Saviour Galea li kien il-persuna impjegat mal-"Group 4", li flimkien mal-imputat Emanuel Formosa, kellu ir-responsabbiltà tal-ġarr ta' dawn il-flejjes huwa jiddeskrivi dawn il-boroż bħala "boroż ta' kulur abjad issiġillati." Illi allura l-provi li hemm fl-atti jindikaw illi meta instab il-basket tal-*

*plastik l-aħmar bil-flus fih, ma jidhirx illi dan kien l-istess tip ta' basket użat mill-bank għaż-żamma tal-flus biex jiġu trasportati. Lanqas ma hemm prova fl-atti illi dawk l-istess flus inħarrġu minn dawn il-basktijiet u tpoġġew mill-malviventi jew il-kompliċi tagħhom wara li nsterqu ġewwa dan il-basket aħmar. Kif ma hemmx prova dwar il-provenjenza ta' dan il-basket u jekk dan kienx fil-pussess tal-appellant qabel jew wara s-serqa. Dan ifisser illi il-katina tal-evidenza marbuta ma' dawn l-impronti diġitali għandha ħolqa nieqsa. Illi l-Qorti tista' tasal għal diversi supposizzjonijiet marbuta mal-presenza tal-fingerprint tal-appellant fuq dan il-baskett tal-plastik, iżda dawn jibqgħu konġetturi u jieqfu ferm 'il bogħod miċ-ċertezza morali li trid il-liġi għal fini ta' reità. Dan fin-nuqqas ta' provi oħra kemm diretti kif ukoll indizzjarji li jistgħu jindikaw l-involviment tal-appellant f'xi stadju tal-kummissjoni ta' dan il-hold-up.*

L-appellant fl-imsemmija proċeduri "Il-Pulizija v. Alfred Degiorgio", għamel referenza għall-linji gwida "Guidelines for Evidence Collection and Archiving", li għalihom għamlet referenza d-Difiża fil-proċeduri odjerni, u fir-rigward ġie sottomess li *Brezinski u Killalea fil-linji gwida ' Guidelines for Evidence Collection and Archiving' jiktbu: "3.1 Transparency - The methods used to collect evidence should be transparent and reproducible.... 4.1 Chain of Custody - You should be able to clearly describe how the evidence was found, how it was handled and everything that happened to it. The following need to be documented - Where, when, and by whom was the evidence discovered and collected. - Where, when and by whom was the evidence handled or examined. - Who had custody of the evidence, during what period. How was it stored. - When the evidence changed custody, when and how did the transfer occur ( include shipping numbers, etc. )."*

Din il-Qorti fliet bir-reqqa dawn iż-żewġ deċiżjonijiet, iżda ma tistax tara kif il-punti hemm trattati u l-osservazzjonijiet relattivi magħmula mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali jistgħu b'xi mod japplikaw għall-każ in eżami. F'dan il-każ mhux qed nitkellmu fuq xi rapport *ex parte* fuq liema l-Prosekuzzjoni qed tibbaża l-każ tagħha fil-konfront ta' l-imputat, u lanqas ma qed nitkellmu fuq xi impronti diġitali li setgħu ġew elevati, iżda qed nitkellmu fuq filmat ta' footage ta' CCTV cameras tal-ħanut JB Stores ta' l-Iklin li ġie mgħoddi lill-Pulizija fil-kors ta' l-investigazzjoni tagħhom dwar is-serqa rappurtata minn Christopher Sant fil-21 ta' Frar 2022.

In kwantu rigwarda l-mod kif dan il-filmat spiċċa fil-pussess tal-Pulizija u sussegwentement ġie esebit f'dawn il-proċeduri, il-Qorti ma ssib li hemm ebda holqa nieqsa fil-katina ta' din l-evidenza partikolari. In effetti mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li hekk kif fil-21 ta' Frar 2022 Christopher Sant inġibditlu għall-attenzjoni tiegħu din l-istatwetta li ma kenitx għadha fil-ħanut, huwa ċċekkja l-filmati tas-sistema ta' CCTV cameras ta' l-istes ħanut fejn ra li fid-19 ta' Frar 2022 għall-ħabta tad-9:30a.m., kien hemm żewġt irġiel qed jaġixxu b'mod suspettuż ħdejn din l-istatwetta u finalment spiċċaw biex serquha u ħarġu mill-ħanut biha f'idejhom. Huwa ħa dawn il-filmati fuq il-mobile tiegħu u dakinhar stess mar b'kollox l-Għassa ta' Birkirkara biex jagħmel rapport dwar is-serqa. Il-Pulizija talbuh jagħmel kopja tal-filmati tas-sistema ta' CCTV cameras fuq CD u jgħaddilhom dan l-istess CD.

Mill-NPS Report bin-Numru 9/POL/1553/2022 esebit minn PS1037 Saviour Mfisud u mix-xhieda ta' l-istess PS1-37 Saviour Mifsud, jirriżulta li dakinhar stess tal-21 ta'

Frar 2022 għall-ħabta ta' 17:40hrs, hekk kif indikat fuq paġna 3 tar-Rapport, il-Pulizija ngħatat CD bil-filmat fejn appuntu jidher dak li kien irrapporta Christopher Sant, ossia żewġt irġiel jduru b'mod suspettuż ma' l-istatwetta in kwistjoni u jgħaddu biex jisirquha. Dan l-istess CD ġie esebit mill-Ispettur Ritienne Gauci fil-kors tax-xhieda li tat waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2022 bħala Dok. "RG2" a fol. 70 tal-proċess.

Minn dawn il-provi għalhekk jirriżulta kif, meta u taħt liema ċirkostanzi l-filmat hekk esebit bħala Dok. "RG2" a fol. 70 tal-proċess u formanti l-prova ċentrali tal-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni fil-konfront ta' l-imputat ġie għand il-Pulizija. Fid-dawl ta' dan għalhekk il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn ma għandhiex tagħti d-debitu piż probatorju lid-dokument Dok. "RG2", ossia appuntu lill-filmat li jidher fuq dan is-CD li juri dak li seħħ ġewwa l-JB Stores ta' l-Iklin dakinhar tad-19 ta' Frar 2022.

Il-Qorti eżaminat id-dokument Dok. "RG2" li effettivament jikkonsisti f'folder intitolat *Gold Lion Theft Iklin 190222*, konsistenti f'ħames ritratti u żewġ filmati; wieħed ta' Camera 1 u ieħor ta' Camera 2. Hija eżaminat b'mod partikolari u akkurat il-filmati ta' Camera 1 u ta' Camera 2 u minnhom, partikolarment mill-filmat ta' Camera 2, jirriżulta bl-iktar mod ċar l-imputat odjern Anthony Borg - li l-Qorti għarfitu bla ebda problema u dubju ta' xejn - u terza persuna li baqgħet mhux identifikata, jduru u jħufu ġewwa l-ħanut JB Stores ta' l-Iklin, ħdejn din l-istatwetta kulur id-deheb. L-imputat, liebes hoodie ħamra bil-kelma Fila miktuba fuq quddiem, l-istess hoodie li nstabet fir-residenza tiegħu w esebita fl-atti bħala Dok. "RG3", jidher jaqbad din l-istatwetta f'idejh u jaqlibha biex iħares taħtha, u fil-frattemp anke jaqleb il-vażuni li hemm esposti ħdejha, u jerġa' jqiegħdha dritta. Peress li dak il-ħin kien hemm mara titkellem fuq il-mobile tippassiġġa viċin din l-istess statwetta, l-imputat u t-terza persuna li kien miegħu, jidhru jersqu ftit 'l hemm minn fejn kienet l-istatwetta iżda in verità qatt ma jitilqu wisq il-bogħod minn ħdejha u jibqgħu jduru u jħufu viċin tagħha sakemm din il-mara tersaq 'l hemm u f'dak il-ħin it-terza persuna taqbad l-istatwetta u, flimkien ma' l-imputat titlaq biha. Tul dan il-ħin, ossia meta t-terza persuna tidher taqbad l-istatwetta u titlaq biha, l-imputat kjarament kien qiegħed *look out* biex jaċċerta ruħu li ħadd ma jarahom jieħdu din l-istatwetta mill-ħanut, u anke jagħmel sinjali b'idu lill-persuna l-oħra li kien miegħu għal meta jista' jaqbad l-istatwetta u jitlaq biha.

Fil-fehma tal-Qorti l-valur probatorju ta' dan il-filmat partikolari, ossia l-filmat ta' Camera 2, huwa inkonfutabbli u ma jħalli assolutament l-ebda dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-ħtija ta' l-imputat għar-reat lilu imputat bl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

In kwantu rigwarda tali ħtija, id-Difiża tikkontendi li l-imputat ma jistax jinstab ħati tar-reat ta' serq sempliċi għaliex ma kienx hu li fiżikament ħa l-istatwetta in kwistjoni iżda kienet it-terza persuna li baqgħet qatt ma ġiet identifikata.

Hawn il-Qorti tibda billi tosserva li in kwantu rigwarda l-elementi r-reat ta' serq issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Adrian Valletta**, deċiża fit-12 ta' Marzu 2019 fejn ingħad: *il-Qorti għalhekk tħoss li f'dan l-istadju għandha tagħmel apprezzament ta' dritt u cioè*

*tagħti tifsira tal-kunċett ta' serq, u cioè tar-reat kontra l-proprjetà ta' terzi per eċċellenza jew aħjar kif jgħid il-Manzini - 'l'oggetto generico della tutela penale (b'referenza għal dan ir-reat) è l'interesse pubblico riguardante l'inviolabilità del patrimonio'. Jekk wieħed janalizza l-Kodiċi Penali tagħna, ma jsibx definizzjoni tal-kunċett ta' serq, għalhekk n-nozzjoni ta' serq tista' prima facie tidher faċli u ta' intelliġenza volgari, madanakollu r-reat ta' serq dejjem ta' lok għal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali. Hija l-prattika kostanti tal-Qrati tagħna li jadoperaw id-definizzjoni mogħtija minn Carrara fil-Programma Speciale Vol. IV para 2017 - vide fl-ismijiet Il-Pulizija v. Tanti. Il-Carrara jgħid: "il furto è la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro". Għalhekk jirriżulta minnufih li sabiex jissussisti serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioè: 1. il-contractatio tal-ħaġa, 2. li tappartjeni lil terzi, 3. magħmula b'mod frawdolenti, 4. mingħajr l-kunsens tas-sid, u 5. animo lucrandi. Għalhekk meta ngħidu li sabiex jissusisti s-serq il-contractatio tar-res aliena irid isir b'mod frawdolenti rridu infissru li t-teħid ta' l-oġġett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittieħed mingħand terzi, jiġifieri li t-teħid qed isir għad-dannu ta' terzi. Huwa importanti sine qua non biex jiġi pruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-mens rea mhux biss it-teħid tar-res aliena iżda l-intenzjoni li ser isir akkwist - animo di farne lucro. Il-kontraċetazzjoni ma hiex biżżejjed imma hemm bżonn li tkun saret invito domino u luci faciendi graita. In fatti r-rekwiżit speċjali għas-serq huwa li wieħed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantaġġ jew benefiċċju minn ħaġa li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jiġi pruvat huwa l-pussess ta' l-oġġett li jrid jiġi prodott minn kull teħid illeġittimu kommess mediante sottrazione senza violenza personale, kif jgħid Manzini presupposto essenziale del furto è la mancanza del possesso del agente. Meta fil-fatt sid ta' res aliena m'għandux interess fl-oġġett jew aħjar abbanduna l-istess oġġett, minn jieħu dan l-oġġett ma jistgħax jinsab ħati ta' serq, se mai ta' misppropriazzjoni. Fil-fatt, kif gia ġie spjegat fil-kawza "Il-Pulizija v. S. Pisani", il-Qorti qalet li sabiex jeżisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oġġett irid jiġi meħud, iżda li t-terz jiġi spussessjat mill-oġġett. Kwantu għar-rekwiżit ta' invito domino huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm taċitu. F'ċirkostanzi eċċezzjonali jista' jkun preżunt, u allura l-buone fede ta' l-awtur tal-contractatio teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wieħed m'għandux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantaġġ, sodisfazzjoni, utili, pjaċir, benefiċċju jew komodu li l-ħati jkollu fi ħsiebu li jipprokura. Carrara jgħid: "avvengache per lucro qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vontaggio o sodisfazione procurata a sè stesso".*

Meta jiġi kkunsidrat il-filmat esebit mill-Ispettur Ritienne Gauci ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li effettivament fil-każ in eżami jissussistu l-elementi tar-reat ta' serq. In kwantu rigwarda s-sottomissjoni tad-Difiża li l-imputat ma għandux jinstab ħati ta' tali serq għaliex ma kienx hu li fiżikament seraq l-istatwetta in kwistjoni, il-Qorti assolutament ma taqbilx mad-Difiża in kwantu l-imputat kien, f'dan il-każ, kjarament ko-awtur flimkien mat-terza persuna li baqgħet mhux identifikata, fit-twettiq ta' din is-serqa.

Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Richard Grech**, deċiża fil-31 ta' Ottubru 2018, *sabiex l-appellant jista' jinstab ħati bħala ko-awtur f'dawn id-delitti jrid jirriżulta*

*sodisfaċjentement ippruvat mill-Prosekuzzjoni, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, illi kien hemm il-parteċipazzjoni materjali tiegħu ma' l-eżekutur jew eżekuturi dirett/i ta' l-att li bih kien ikkonsumat ir-reat, iżda u fuq kollox illi huwa ippresta l-kooperazzjoni diretta w essenzjali għall-esekuzzjoni tad-delitt. Dan allura neċessarjament jimplika illi jrid ikun hemm il-ftehim pre-ordinat bejn tnejn jew aktar persuni għall-fini li jiġi kommess id-delitt. Mankanti din l-intenzjoni u cioè dan l-akkordju bejn tnejn jew iktar persuni, allura ma jistax jingħad illi l-figura tal-ko-awtur tista' tieħu l-ħajja. Kwindi jrid jiġi ppruvat sal-grad taċ-ċertezza morali illi "bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-ħsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt. Dak allura illi jrid jirriżulta mhuwiex biss l-att materjali li jindika l-presenza fiżika ta' l-akkużat fuq il-post tad-delitt għaliex dan l-element waħdu ma jistax jistabilixxi r-reità, iżda ukoll irid jirriżulta illi huwa jkun ħa sehem attiv fil-kommissjoni tar-reat u wkoll illi kien hemm 'l hekk imsejjaħ 'common design' bejn l-malviventi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Il-fatt materjali waħdu li persuna tkun għenet biss fil-kommissjoni tad-delitt għalhekk ma jistax iwassal għall-figura tal-ko-awtur, iżda għal dak tal-kompliċi billi kif ingħad l-koawtur irid neċessarjament ikun ħa sehem attiv fil-kommissjoni tad-delitt u mhux sempliċement offra l-għajnuna tiegħu fil-preparazzjoni għall-kommissjoni tar-reat jew sabiex l-att materjali ta' l-eżekuzzjoni tad-delitt jirnexxi. Dan ifisser allura meta applikat għall-fattispecje ta' dan il-każ illi: "Jekk hemm il-ħsieb bejn żewġ persuni, wieħed huwa l-awtur, dak li fil-fatt jispara u l-ieħor li jkun miegħu li ma jisparax, galadarba għandu l-istess ħsieb li joqtlu, u la qiegħed hemm jieħu parti attiva - f'dak il-każ it-tieni persuna li ma tisaparax li qed tieħu parti attiva hija l-koawtur. Il-korreu mhux ristrett għal dak biss li kien l-esekutur dirett ta' l-att konsumattiv iżda jikkomprendi anke dawk li jipparteċipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali għall-esekuzzjoni tar-reat. Mhux biss iżda: "min iħajjar lil persuna oħra biex tikkommetti s-serq, u waqt li dik il-persuna tikkommetti s-serq jiddistrahi lil dawk li jkunu preżenti, huwa ħati ta' serq huwa wkoll bħala ko-awtur; għaliex huwa ko-awtur f'delitt minħabba parteċipazzjoni materjali mhux biss dak li jkun l-eżekutur dirett ta' l-att konsumatur tar-reat, imma anki min b'xi mod ieħor jippresta ko-operazzjoni diretta u essenzjali għall-esekuzzjoni tad-delitt.*

Fil-fehma tal-Qorti mill-prova inkonfutabbli li tirriżulta mill-filmati esebiti mill-Prosekuzzjoni, huwa stabbilt lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat kien ko-awtur fis-serqa ta' l-istatwetta mingħand il-ħanut JB Stores ta' l-Iklin, nhar id-19 ta' Frar 2022 għall-ħabta tad-9:30a.m., u dana billi minn dawn il-filmati mhux talli evidentement jirriżulta l-*common design* bejn l-imputat u t-terz li baqa' mhux identifikat, talli l-imputat attivament ipparteċipa f'kooperazzjoni diretta essenzjali għall-esekuzzjoni tar-reat.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat huwa ħati, qua ko-awtur, ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**It-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi mixli wkoll talli nhar is-26 ta' Frar 2022 għall-ħabta ta' l-10:00 a.m., minn ġewwa il-ħanut Papier, Triq it-Torri, Sliema, ikkommetta serq ta' fwejjaħ u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, liema ammont ma jeċċedix €2,329.37, għad-detriment ta' David Nicholas Schembri u/jew persuna/i oħra u/jew kumpaniji oħra, bi ksur ta' l-Artikoli 261, 267 u 279(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' din it-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat xehdu l-Ispettur Jonathan Ransley, PS1033 Sandro Mangion u David Schembri.

Apparte dak kollu gia iktar 'l fuq riportat fir-rigward tax-xhieda ta' l-Ispettur Ransley dwar l-identifikazzjoni u konsegwenti arrest ta' l-imputat, fir-rigward ta' dan ir-reat partikolari addebitat lill-imputat l-**Ispettur Jonathan Ransley**[24] xehed illi *fis-26 ta' Frar, ċertu David Schembri għamel rapport ukoll f'Tas-Sliema, fil-kapaċità tiegħu bħala sid il-Papier li jinsab fil-Pjazzetta ta' Tas-Sliema, f'Tower Road, li tnejn min-nies daħlu fil-ħanut tiegħu u serqu xi fwejjaħ. Mill-footage li ra ġie nnotat illi l-istess wieħed mis-suspettati kien liebes flokk aħmar hoodie, bil-kelma Fila fuq sidru u l-ieħor kien liebes ġakketta ħadra u t-tnejn kienu lebsin surgical masks. Intbagħat il-footage lilna, lis-Surġent 1033 permezz tal-Wetransfer, liema footage ġie mgħoddi lill-FSL biex jagħmluh fuq is-CD. L-affarijiet li nsterqu huma għaxart ifwejjah li l-prezz tagħhom totali huwa ta' €241 cost price.*

**PS1033 Sandro Mangion**[25] xehed illi fis-26 ta' Frar ta' l-2022 kien daħal rapport l-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema dwar serqa li saret fl-10:00a.m. minn ġewwa ħanut bl-isem Papier sitwat fil-Pjazzetta, Triq it-Torri, Sliema. Huwa ddikjara li *sid il-post, ċertu David Nicholas, irrapportali illi xi ħadd daħal fil-ħanut tiegħu u seraqlu ammont ta' fwieħa bħala shoplifting li kienet tammonta għal €204.32. Dan għddieli wkoll filmat bis-sistem tal-Wetfranser u għaddejtu lill-Ispettur u bgħattu wkoll lil tal-forensika, però l-filmat ma rajtux. Però għaddieli wkoll żewġ ritratti, wieħed minnhom, l-aggressur kien liebes flok aħmar li kellu barnuża li jixbaħ ħafna lill-imputat hawnhekk preżenti, li rriżulta illi jismu Anthony Borg, però l-individwu l-ieħor li kien hemm fil-ħanut m'għandix identità tiegħu.*

PS1033 Sandro Mangion ippreżenta r-rapport li għamel David Schembri li jgib in-numru 7/POL/1249/2022, Dok. "SM" a fol. 104 sa' 110 tal-proċess.

David Schembri[26] xehed illi huwa kien għamel rapport dwar każ ta' shoplifting mill-ħanut b'isem Papier, f'Tower Road, Tas-Sliema, li huwa stationery minn fejn jinbiegħu *gifts, toys, cards and printing services*. Mistoqsi kif sar jaf b'din is-serqa huwa wieġeb *sirt naf għaliex għajtitli kollega li kienet dakinhar mal-cash register, qaltli "serquna, serquna", hi ppruvat tiġri wara l-persuna però ma laħqitux. Kienu tnejn min-nies, kif eżatt ġara dan, jiena ċempilt l-għassa, lill-Pulizija u bdejna ukoll naraw il-footage biex naraw jekk nistgħux nagħrfu lill-persuni. Fortunatament, din id-darba stajna nagħrfu jew kienu iktar ċari minn drabi oħra li kien jidher min hu l-persuna.* David Schembri għaraf lill-imputat bħala l-persuna li serqet oġġetti mill-ħanut tiegħu. Huwa ddikjara ulterjorment illi *wara l-inċident eżatt, erġajna għamilna stock take ta' dik l-area fejn l-iktar li ttieħdu affarijiet, ovvjament*

---

[24] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta 'Marzu 2022, fol. 62 sa '64 tal-proċess.
[25] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' April 2022, fol. 102 u 103 tal-proċess.
[26] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2022, fol. 74 sa' 76 tal-proċess.

*m'għamilniex tal-ħanut kollu peress li huwa ħanut kbir, però fejn rajna fiżikament li kien qed jieħu l-affarijiet, kemm is-sinjur kif ukoll il-kollega tiegħu li kien hemm miegħu dakinhar* u esebixxa dokument li juri li l-oġġetti misruqa dakinhar tas-26 ta' Frar 2022 kellhom valur *cost price* ta' €187.31 - Dok. "DS" a fol. 77 tal-proċess. Apparte minnhekk ippreżenta wkoll il-filmati ta' dakinhar permezz ta' *pendrive* - Dok. "DS1" a fol. 78 tal-proċess, liema filmati ttieħdu direttament mis-server.

Id-Difiża, filwaqt li mhux qed tikkontesta l-ammissibilità per se tal-filmati esebiti minn David Schembri, tikkontendi li l-ħin muri fuq l-istess filmat huwa ħin totalment differenti minn dak indikat fl-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat.

Hawn ukoll il-Qorti eżaminat il-pendrive Dok. "DS1" esebit minn David Schembri u tosserva li għalkemm hemm filmat wieħed, ossia l-filmat ta' Camera 1, li juri l-ħin ta' 1:16 nhar is-26 ta' Frar 2022, hemm il-filmati l-oħra kollha li juru lill-imputat - in kwantu f'dan il-każ ukoll l-imputat jintgħaraf sew u bla dubju - u lil terza persuna li baqgħet mhux identifikata, iduru ma' l-iskafef tal-ħanut għall-ħabta ta' l-10:00a.m., jieħdu oġġetti minn fuq l-iskafef u jaħbuhom taħt il-ħwejjeġ tagħhom. Mix-xhieda ta' David Schembri jirriżulta wkoll li huma ħarġu 'l barra mill-ħanut bl-oġġetti b'kollox u għalkemm il-persuna mal-cash ippruvat twaqqafhom ma irnexxilhiex. B'hekk għalkemm hemm filmat wieħed li bħala ħin ma jikkombaċax mal-ħin indikat fl-imputazzjoni, hemm il-filmati l-oħra kollha - konvenjentement injorati mid-Difiża - li kjarament juru lill-imputat flimkien mat-terz li baqa' mhux identifikata, jisirqu numru ta' oġġetti mill-ħanut ta' David Schembri fid-data u ħin indikati fl-imputazzjoni in kwistjoni.

Il-Qorti hawn tagħmel referenza għall-elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' serq, già iktar 'l fuq ċitati u f'dan il-każ ukoll tqis li l-elementi kollha jissussistu u li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imputat fir-rigward tar-reat ta' serq mill-ħanut Papier fi Triq it-Torri, Sliema. Il-Qorti tqis però li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kwalifika tal-valur u dana għar-raġuni li filwaqt li l-Artikolu 267 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *s-serq huwa kkwalifikat bil-"valur", meta l-ħaġa misruq tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94)*, mix-xhieda ta' David Schembri u d-dokument minnu esebit a fol. 77 tal-proċess jirriżulta li l-*cost price* ta' l-oġġetti misruqa kien ta' €187.31 u anke jekk wieħed kellu jikkonsidra l-element tal-VAT, xorta waħda l-valur, li jiġi €221.03, huwa inqas mill-valur stabbilit fil-Liġi għall-finijiet tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur.

Għaldaqstant l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat ta' serq sempliċi mill-ħanut Papier, Triq it-Torri, Sliema, nhar is-26 ta' Frar 2022 għall-ħabta ta' l-10:00a.m., a detriment ta' David Schembri.

**It-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi mixli wkoll li nhar is-26 ta' Frar 2022 għall-ħabta ta' l-10:30a.m. minn ġewwa il-ħanut L'Occitane, Triq ix-Xatt, Sliema, ikkommeta serq ta' fwejjaħ u/jew oġġetti oħra, għad-detriment ta' Rochelle Apap u/jew persuna/i oħra u/jew kumpaniji oħra, bi ksur ta' l-Artikolu 284 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni xehdu l-Ispettur Jonathan Ransley, PS649 Joseph Buhagiar, PC470 Matteo Daga u Rochelle Apap.

**L-Ispettur Jonathan Ransley**[27] xehed illi fit-8 ta' Marzu 2022, is-Surġent 649 kien talab għal xi footage relattivament għal rapport li kien sar fit-28 ta' Frar dwar serqa, liema rapport sar minn Rochelle Apap fil-kapaċità tagħha bħala manager tal-ħanut Occitane f'Tas-Sliema. L-Ispettur Ransley xehed ulterjurment illi din Rochelle Apap kienet *spejgat illi kien daħal persuna maskili l-istess, b'hoodie aħmar tal-Fila fis-26 ta' Frar fl-istabbiliment u kien seraq xi fwejjaħ u xi affarijiet oħra* u li *fil-fatt, is-649 kien infurmani dakinhar* - ossia fit-8 ta' Marzu 2022 - *għax kien dakinhar illi tatu l-footage, jiġifieri fit-8 ta' Marzu.* L-Ispettur ippreżenta CD b'filmat fuqu - Dok. "JR9" a fol. 65 tal-proċess - u fir-rigward iddikjara *għalkemm esebejt dak il-footage, se jiġi esebit footage ieħor għaliex dak milli nista' nifhem, jekk il-memorja ttini sew, ittieħed bil-mobile minn fuq is-sistema imbagħad kont bgħatt lin-nies tiegħi u ġabu l-footage proprja, jiġifieri se jesebuh iktar tard.*

**PS649 Joseph Buhagiar**[28] xehed illi *nhar it-28 ta' Frar ta' din is-sena 2022, ġejt infurmat minn PC2167 waqt li jiena kont qiegħed xogħol mal-ġurnata, illi ċertu Rochelle Apap irrapportat ġewwa l-Għassa ta' Tas-Sliema tistqarr illi jumejn qabel u cioè fis-26 ta' Frar tas-sena 2020* (recte: 2022), *persuna maskili kien daħal ġewwa l-ħanut bl-isem L'Occitane li jinsab f'Tas-Sliema fejn kien seraq xi fwieħa minn fuq xi xkaffa tal-ħanut u telaq il-barra ftit tal-ħin wara. Rochelle stqarret illi rat kollox impjegata li taħdem fl-istess ħanut, ċerta Josephine Paris bin-numru tal-Karta ta' l-Identità 313664(M), fejn fil-ġurnata ttieħdet il-verżjoni ta' Josephine Paris fejn ikkonfermat ir-rapport illi għamlet il-manager tagħha, Rochelle Apap. Jiena min-naħa tiegħi għamilt rikjesta għall-filmati lill-manager, tlabt biex tippreżenta l-filmati fejn meta ġew segwiti dawn il-filmati, irriżulta illi persuna maskili daħal ġewwa l-imsemmi ħanut fil-ġurnata tas-26 ta' Frar tas-sena 2022 għall-ħabta ta' l-għaxra u nofs, persuna maskili liebes hoodie aħmar, qalziet iswed u running shoes abjad bl-iswed, daħal ġewwa l-ħanut, kellu basket f'idu fuq in-naħa tax-xellug u ħa xi żewġ oġġetti minn fuq l-ixkaffa b'idejh il-leminija u tefagħhom f'but li kellu fuq in-naħa ta' quddiem tal-hoodie. Jiena tlabt il-cost price ta' dawn il-fwejjah li ġew misruqa li wieħed minnhom huwa tad-ditta Terre de Lumiere li jammonta għal cost price ta' €14.76 u l-ieħor ta' l-istess ditta, Terre de Lumiere, li jammonta għal €9.41.*

PS649 Joseph Buhagiar iddikjara li l-persuna li tidher fil-filmat li ġie mgħoddi lilu da parte ta' L'Occitane, huwa l-imputat odjern Anthony Borg. Huwa ppreżenta wkoll ir-rapport relattiv għal din is-serqa li jġib in-numru 7/POL/1275/2022 - Dok. "JB" a fol. 121 sa' 124 tal-proċess.

**PC470 Matteo Daga**[29] xehed illi *ġejt infurmat mingħand l-Ispettur tiegħi Jonathan Ransley rigward rapport ta' serqa li seħħet fit-28 ta' Frar ġewwa ħanut f'Tas-Sliema bl-isem ta' L'Occitane fi Triq ix-Xatt, Tas-Sliema, u ġejt mitlub mingħand l-Ispettur sabiex nagħmel download tal-filmati fuq USB fejn seta' jiġi innotat persuna maskili liebes hoodie ħamra bil-kitba Fila li daħlet fil-ħanut,*

[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2022, fol. 62 sa' 64 tal-proċess.
[28] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' April 2022, fol. 117 sa' 120 tal-proċess.
[29] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' April 2022, fol. 125 u 126 tal-proċess.

*għasset lil-lavranti daqsxejn aljenati u ħadet żewġ oġġetti minn fuq xkaffa u baqgħet ħierġa minn ġol-ħanut.* PC470 Matteo Daga ddikjara li għadda dan il-USB lill-Ispettur Ransley u ddikjara wkoll li r-rapport dwar is-serq sar fit-28 ta' Frar 2022, mentri s-serqa proprja saret fis-26 ta' Frar 2022. Apparte minn hekk huwa għaraf lill-imputat Anthony Borg bħala l-persuna li dehret fuq il-filmat tisraq il-fwejjaħ mill-ħanut L'Occitane.

**Rochelle Apap**[30], Brand Manager ma' L'Occitane, xehdet illi hija kienet għamlet rapport mal-Pulizija dwar serqa minn ġewwa l-ħanut L'Occitane li jinsab Tas-Sliema. Xehdet illi *ċempluli l-istaff u qaluli li kien hemm persuna li serqet żewġ perfumes, staqsejt lis-security għall-footage u naraw li dan ir-raġel li daħal u ħa dawn iż-żewġ perfumes.* Rochelle Apap ippreżentat dokument - Dok. "RA" a fol. 84 tal-proċess - minn liema jirriżulta l-valur tal-fwejjaħ li nsterqu mill-ħanut in kwistjoni.

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni partikolari d-Difiża tikkontendi li l-filmat esebit mill-Ispettur Jonathan Ransley bħala Dok. "JR9" a fol. 65 tal-proċess ma huwiex prova ammissibbli u li bħala fatt, minkejja diversi referenzi għal filmat relattiv għal din l-allegata serqa, dana baqa' qatt ma ġie ppreżentat u għaldaqstant ma hemmx provi fir-rigward ta' l-imputat in konnessjoni mat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Mill-atti processwali, senjatament mix-xhieda ta' l-Ispettur Jonathan Ransley jirriżulta li l-footage esebit minnu markat Dok. "JR9" a fol. 65 tal-proċess huwa video ta' footage miġbud fuq mobile u mgħoddi lill-Pulizija. Il-Qorti eżaminat dan id-dokument u fil-fatt bla dubju ta' xejn huwa video ta' footage mis-sistema ta' CCTV cameras tal-ħanut L'Occitane li ttieħed fuq mobile phone, liema video juri lill-imputat, hawn ukoll kjarament u faċilment rikonoxxibbli, jidħol fil-ħanut, jieqaf quddiem l-ixkafef tal-ħanut u jieħu fwejjaħ, idaħħalhom fil-but tal-hoodie li kien liebes - l-istess hoodie aħmar li kien liebes fiż-żewġ ċirkostanzi l-oħra trattati f'dawn il-proċeduri u li nstab fir-residenza tiegħu - u jitlaq 'l barra. Immedjatament kif l-imputat ħareġ mill-ħanut, tidher impjegata ta' l-istess ħanut tmur tiċċekkja l-ixkaffa fejn kien wieqaf u toħroġ tiġri mill-bieb tal-ħanut u tmur fl-istess direzzjoni fejn ħareġ l-istess imputat. Dan il-video tal-filmat ma juri l-ebda data u ħin.

Dejjem mix-xhieda ta' l-Ispettur Ransley jirriżulta li kellu jsir download tal-filmat mis-sistema ta' CCTV cameras tal-ħanut in kwistjoni mill-Pulizija ta' l-Għassa ta' Tas-Sliema u mix-xhieda ta' PC470 Matteo Daga jirriżulta illi dan id-download sar, il-filmat tniżżel fuq USB stick, iżda, għal xi raġuni din il-USB stick baqgħet ma ġietx esebita fl-atti. Detto ciò l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-imsemmi PC470 Matteo Daga, li appuntu ddikjara li għamel download tal-filmat, xehed, liema xhieda ma ġietx kontradetta jew imxejna, illi dan il-filmat kien jittratta dwar serq ta' fwejjaħ mill-ħanut L'Occitane, Tas-Sliema, nhar is-26 ta' Frar 2022, u ra kif seħħet id-dinamika ta' l-istess u li l-persuna li huwa ra fuq il-filmat jisraq il-fwejjaħ kien l-imputat odjern illi huwa għarfu bla tlaqliq ta' xejn. L-istess imputat intgħaraf bħala il-persuna li tidher fil-filmat provdut lill-Pulizija tisraq il-fwejjaħ mill-ħanut L'Occitane dakinhar tas-26 ta' Frar 2022, anke minn PS649 Joseph Buhagiar, li ukoll kien ra l-footage in kwistjoni.

[30] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2022, fol. 82 u 83 tal-proċess.

Il-Qorti tqis li x-xhieda ta' PC470 Matteo Daga u ta' PS649 Joseph Buhagiar suffiċjentement tikkorobora l-evidenza tal-Prosekuzzjoni li fis-26 ta' Frar 2022 verament seħħet serqa ta' fwejjaħ mill-ħanut L'Occitane, ġewwa Tas-Sliema, u li tali serqa twettqet mill-imputat Anthony Borg. Din l-osservazzjoni tal-Qorti ssib sostenn f'dak mgħallem minn Blackstone's Criminal Practice 2019, fir-rigward ta' l-ammissibilità u valur probatorju tal-kontenut ta' filmati: *The contents of photographs and films on which a party seeks to rely may be proved by the production of the original; or by the production of a copy proved to be an authentic copy; or by the parol evidence of witnesses who have seen the photograph or film. In Kajala v Noble (1982) 75 Cr Aoo R 149 Ackner LJ held that the rule, that if an original document is available in a party's hands he must produce it and cannot give secondary evidence of it, was confined to written documents in the strict sense of the term and has no relevance to tapes or films. In Taylor vs Chief Constable of Cheshire (1986) 1 All ER 225, a video cassette recording, made by a security camera and showing a person in a shop picking up an item and putting it into his jacket, was played to police officers who identified the person as Taylor. The recording, after it had been returned to the shop, was accidentally erased. Evidence by the officers of what they had seen on the video was held to have been properly admitted, on the ground that what they had seen on the video was no different in principle from the evidence of a bystander who had actually witnessed the incident, and the appeal against conviction was dismissed. The Court of Appeal held that the weight and reliability of the evidence had to be assessed carefully, and because identification was in issue, by reference to the guidelines laid down in Turnbull (1977) QB 224, which had to be applied in relation to not only the camera, but also to the visual display unit or recorded copy and the officers. See also Constantinou (1989) Cr App R 74. 11 52. …just as a video recording of the commission of an offence is admissible, so also a witness who has seen the recording may give evidence of what he saw, as he is in effect in the same position a a witness with a 'direct view of the action' Taylor vs Chief Constable of Cheshire (1986) 1 All ER 225*[31].

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk u fid-dawl ta' dak kollu appena osservat, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova 'lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Ir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat u l-addebitu tar-reċidività:**

Bir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli fix-xahar ta' Frar 2022 f'dawn il-Gżejjer, kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Victor Axiaq LL.D., datata 14 ta' Diċembru 2020, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

In oltre l-Prosekuzzjoni titlob li l-Qorti tittratta ma' l-imputat bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[31] Il-Pulizija v. Joseph Camilleri, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-20 ta' Diċembru 2022.

Il-Qorti qed tittratta dawn il-kwistjonijiet flimkien għar-raġuni li l-Prosekuzzjoni ressqet prova waħda fir-rigward, u cioè vera kopja tas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Anthony Borg", deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-14 ta' Diċembru 2020 - Dok. "RG" a fol. 172 sa' 176 tal-proċess.

B'dik is-sentenza l-imputat Anthony Borg f'dawk il-proċeduri nstab ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u ġie ikkundannat għal perijodu ta' sentejn priġunerija, sospiżi għal perijodu ta' erba' snin mid-data tas-sentenza. Mix-xhieda ta' l-Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali Stefania Calafato Testa mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2022[32], jirriżulta li din is-sentenza ma ġietx appellata.

Mill-konnotati ta' Anthony Borg kif jidhru fis-sentenza esebita mill-Prosekuzzjoni, jirriżulta bl-iktar mod ċar li l-imputat f'dawk il-proċeduri, ikkundannat għal sentenza ta' sentejn priġunerija sospiżi għal perijodu ta' erba' snin, huwa l-imputat fil-proċeduri odjerni.

In vista tal-fatt li l-imputat qed jinstab ħati ta' l-ewwel tlett imputazzjonijiet, bit-tieni imputazzjoni limitatament għar-reat ta' serq sempliċi, dedotti fil-konfront tiegħu u dawn kollha relattivi għal reati li seħħew fl-2022, huwa evidenti li din il-Qorti għandha ssibu ħati wkoll tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu stante li huwa effettivament wettaq reat ieħor matul il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża.

In kwantu rigwarda l-addebitu tar-reċidiva l-Qorti tqis li a bażi tal-prova mressqa mill-Prosekuzzjoni bis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Anthony Borg" u anke a bażi tal-fedina penali ta' l-imputat esebita bħala Dok. "JR2" a fol. 8 sa' 28 tal-proċess, hija tista' u għandha tittratta ma' l-imputat bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta iżda mhux ukoll ai termini ta' l-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikoli 49(1) u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta: *persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor* - Artikolu 49(1), u *meta persuna kkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor* - Artikolu 50.

L-Artikolu 28F tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi però illi: *meta l-qorti tkun qegħda tittratta ma' ħati dwar reat, li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, hija għandha tqisu bħala reċidiv fit-tifsir tal-artikolu 49 sabiex tqis il-piena li jkun jistħoqq għal dak ir-reat l-ieħor, iżda il-piena mogħtija fis-sentenza sospiża ma għandhiex titqies għall-finijiet tal-artikolu 50 ħlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet isseħħ u sakemm dik il-piena ma tkunx ġiet skontata jew maħfura.*

[32] Fol. 192 u 193 tal-proċess.

Minn qari akkurat ta' dawn il-provvedimenti tal-Liġi jirriżulta għalhekk li fil-każ in eżami l-imputat għandu jiġi trattat bħala reċediv biss ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux ukoll ta' l-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet.

L-Artikolu 289(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-Sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa' tliet gradi.*

Mill-fedina penali ta' l-imputat, Dok. "JR2" a fol. 8 sa' 28 tal-proċess, jirriżulta li l-imputat già diversi drabi - u dana iktar minn tlett darbiet - instab ħati u ġie ikkundannat għal reati ta' serq. Konsegwentement għalhekk il-Qorti għandha tittratta miegħu bħala reċidiv anke ai termini ta' l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta wkoll.

**Il-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi mixli wkoll li talli fix-xahar ta' Frar 2022 f'dawn il-Gżejjer, naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Malta) u cioè mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera LL.D., mid-Digriet datat 9 ta' Marzu 2021 u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In sostenn ta' din l-imputazzjoni l-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lill-Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, Stefania Calafato Testa, li fir-rigward ta' Anthony Borg, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 260783(M), ossia l-imputat odjern, esebiet l-atti proċesswali konċernanti Digriet għall-Ħelsien mill-Aresst mogħti fil-konfront tiegħu mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera, datat 9 ta' Marzu 2021, Dok. "ST" a fol. 194 sa' 222 tal-proċess, u ddikjarat li l-imputat kien kiser dawn il-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest u reġa' ngħata l-ħelsien mill-arrest fit-3 ta' Ġunju 2021.

Id-Difiża tikkontendi li l-imputat ma jistax jinstab ħati tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu in kwantu ma hemmx indikat liema mill-kondizzjonijiet imposti fuqu għall-fini ta' ħelsien mill-arrest ġew minnu miksura u fi kwalunkwe każ, id-Digriet għall-ħelsien mill-arrest datat 9 ta' Marzu 2021, kien ġie miksur u konsegwentement revokat. Il-Qorti però ma taqbilx ma' dawn is-sottomissjonijiet tad-Difiża.

Fid-Digriet datat 9 ta' Marzu 2021, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kkunsidrat u iddeċidiet is-segwenti: *fil-fehma tal-Qorti una volta din il-Qorti ħasset li setgħet tagħti chance lir-rikorrenti biex jidher quddiem il-Bord ta' Rihabilitazzjoni mill-vizzju ta' droga dan ifisser li hija rat li hemm possibilità li l-istess appel lant jirriabilita ruħu. Illi konsiderando li għaddew għoxrin xahar minn meta ġie arrestat, konsiderando li l-atti huma kollha kompilati u għalhekk ma hemmx il-biża' ta' intralċ ta' provdi, u li fadal biss li jkollha r-rapport ta' dan il-Bord, il-Qorti tħoss li għandha takkolji t-talba tar-rikorrenti biex jingħata l-libertà proviżorja billi*

*timponi kundizzjoni stretti biex tikkreja bilanċ bejn id-dritt tiegħu li jkollu l-benefiċċju mill-ħelsien mill-arrest u li s-soċjetà tiġi protetta u għalhekk din il-Qorti ser tinnomina uffiċjal tal-Probation biex jieħu ħsieb iżomm* ***lir-rikorrenti 'il bogħod mill-ħajja ta' kriminalità waqt li qed igawdi mill-ħelsien mill-arrest***[33]*. Għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti għandu jingħata libertà proviżorja taħt il-kondizzjonijiet segwenti: 1. Li jidher il-Qorti kull darba li jiġi nġunt għal xi seduta in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri; 2. Li ma javviċinax ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni la personalment u lanqas tramite terzi persuni. 3. Li ma jsifirx minn dawn il-gżejjer mingħajr permess mill-Qorti. 4. Li ma jbiddilx l-indirizz mogħti minnu waqt l-ewwel seduta miżmuma nhar id-29 ta' Lulju 2019 meta sar l-eżami ai termini ta' l-Artikolu 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali. 5. Li jiffirma l-għassa tal-Pulizija ta' l-Isla kuljum bejn it-8:00a.m. u it-8:00p.m. 6. Li ma joħroġx mid-dar qabel it-8:00p.m. u jirrinkaża ruħu fit-8:00p.m. kuljum, ħdud u festi inklużi. 7. Li jintrabat b'garanzija personali ta' għaxart elef Euro (€10,000). 8. Li jagħmel depożitu ta' elf Euro (€1,000) fir-reġistru ta' din il-Qorti. 9. Li jiddepożita fl-atti ta' din il-kawża kull travel document li huwa għandu inkluż il-karta ta' l-identità tiegħu u dawn jingħataw lilu una volta dawn l-atti jiġu konklużi finalment. 10. Li jiġi nominat uffiċjal tal-probation biex isegwi l-andament tar-rikorrenti u għalhekk ir-rikorrenti għandu joqgħod għal kull direttiva li tingħata lilu minnu. Il-Qorti spjegat l-import ta' dan id-digriet lir-rikorrenti u tordna li l-istess digriet jiġi ffirmat minnu sabiex tkun ċerta li r-rikorrent hu mgħarraf bil-kontenut tiegħu. Tordna wkoll lill-Pulizija eżekuttiva sabiex fil-ħinijiet li jidhrilha tagħmel dawk l-ispot checks neċessarji fuq ir-rikorrenti sabiex taċċerta ruħha li r-rikorrenti qed joqgħod għad-direttivi tal-Qorti. Tordna li kopja ta' dan id-digriet jiġi notifikat lid-Direttur ta' l-Uffiċju ta' Parole u Probation biex jiġi nominat kandidat idoneju biex jieħu ħsieb lir-rikorrenti u jżommu* ***'l bogħod mill-ħajja ta' kriminalità***[34].

Fil-fehma tal-Qorti, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kjarament ikkonċediet lill-imputat odjern il-ħelsien mill-arrest mhux biss taħt diversi kondizzjonijiet li ġew elenakti fil-punti 1 sa' 10 tad-Digriet, iżda anke, jekk mhux addirittura primarjament, taħt il-kondizzjoni ċentrali li huwa joqgħod 'il bogħod mill-ħajja ta' kriminalità, tant illi ordnat in-nomina ta' Probation Officer biex isegwih u appuntu jżommu 'l bogħod mill-ħajja ta' kriminalità.

Ladarba din il-Qorti f'dawn il-proċeduri qed issib lill-imputat ħati ta' ben tlett każijiet ta' serq sempliċi li seħħew fix-xahar ta' Frar 2022, isewgi li l-istess imputat ma żammx 'il bogħod mill-ħajja ta' kriminalità kif meħtieġ mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-imsemmi Digriet datat 9 ta' Marzu 2021, u konsegwentement isegwi li huwa kiser din il-kondizzjoni ċentrali ta' l-imsemmi Digriet għall-ħelsien mill-arrest.

Kif ingħad iktar 'l fuq, id-Difiża tikkontendi wkoll li d-Digriet datat 9 ta' Marzu 2021 kien ġie revokat in vista tal-fatt li l-imputat kien kiser il-kondizzjonijiet hemm imposti fuqu. Din is-sottomissjoni tad-Difiża hija probabilment ibbażata fuq l-affermazzjoni ta' l-Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali Stefania Calafato Testa li l-imputat kien kiser il-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti bid-Digriet tad-9 ta' Marzu 2021 u reġa' ngħata l-ħelsien mill-arrest fit-3 ta' Ġunju 2021.

---

[33] Enfasi ta' din il-Qorti.
[34] Enfasi ta' din il-Qorti.

Minn qari akkurat ta' l-atti esebiti mill-Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, Dok. "ST" a fol. 194 sa' 222 tal-proċess, però tirriżulta sitwazzjoni ferm diversa minn dik pretiża mid-Difiża.

In segwitu għad-Digriet tad-9 ta' Marzu 2021, fejn l-imputat ġie ordnat iħallas depożitu fl-ammont ta' €1,000, omm l-istess imputat Censina Borg, kienet ippreżentat ruħha bħala terz idoneju għal-libertà proviżorja u kienet iddepożitat is-somma ta' €1,000 sabiex binha seta' jieħu l-ħelsien mill-arrest effettiv[35]. Fit-12 ta' Mejju 2021, Censina Borg ippreżentat Rikors quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fejn talbet li tiġi awtorizzata tirtira d-depożitu ta' €1,000 mir-Reġistru u l-Qorti b'hekk tordna r-riarrest ta' l-imputat, in kwantu skontha huwa ma kienx qed josserva l-kondizzjonijiet imposti fuqu bid-Digriet tad-9 ta' Marzu 2021[36]. B'Digriet datat 26 ta' Mejju 2021, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ordnat li *r-Rikors jiġi notifikat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiġi nvestigata l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-akkużat ma hux qed joqħgod għall-kundizzjonijiet tad-digriet fejn ingħata l-libertà proviżorja* u għaddiet biex *tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna r-riarrest ta' l-akkużat*[37].

Fl-1 ta' Ġunju 2021, l-imputat ippreżenta Rikors fejn talab li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tiffissa seduta appożita biex tittella' ommu tixhed biex jerġa' jkompli l-proċess ta' Qorti ta' Droga, filwaqt li jerġa' jingħata l-ħelsien mill-arrest, u dana billi skontu ommu ddispjaċiha immens mir-rikors li għamlet u kienet lesta terġa' tirtira it-talba għall-iżbank tad-depożitu[38]. B' Digriet datat 3 ta' Ġunju 2021, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali osservat u ddeċidiet illi: *rat ir-rikors ta' Anthony Borg, semgħet lil Censina Borg u lil Maria Caruana in rappreżentanza tal-Caritas. Rat illi Censina Borg hija disposta tħalli l-elf ewo tagħha depożitati biex jagħmlu tajjeb għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest ta' binha l-akkużat. In vista' tax-xhieda mogħtija llum seduta stante. Il-Qorti qiegħda tirrevoka contrario imperio d-digriet tagħha tas-26 ta' Mejju 2021. Tpoġġi lir-rikorrenti Anthony Borg fl-istatus quo ante b'dan illi qed iżżid il-garanzija personali mogħtija minnu billi qed tawmenta l-ammont b'għaxart elef ewro. Oltre dan qed tirriduċi l-ħin tar-rinkażar mill-għaxra ta' bil-lejl sad-disgħa ta' bil-lejl. Il-Qorti qiegħda wkoll b'żieda mal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest tinnomina lill-probation officer Sarah Bezzina sabiex tkompli ssegwi lill-appellant sabiex l-appellant ikompli jsegwi l-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja u tinforma lil din il-Qorti hekk ir-rikkorent jkun qiegħed jabbuża mid-droga*[39].

Fid-dawl tad-Digriet tat-3 ta' Ġunju 2021 huwa ferm evidenti għalhekk li d-Digriet għall-ħelsien mill-arrest datat 9 ta' Marzu 2021 ma jistax u ma għandux jitqies bħala li ġie revokat. Għaldaqstant bil-kommissjoni tar-reati ta' serq sempliċi tul ix-xahar ta' Frar 2022, l-imputat ġie li huwa kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu għall-ħelsien mill-arrest b'dak id-Digriet, senjatament il-kondizzjoni li joqgħid 'l bogħod mill-ħajja

[35] Fol. 198 u 199 tal-proċess.
[36] Fol. 202 tal-proċess.
[37] Fol. 204 tal-proċess.
[38] Fol. 206 tal-proċess.
[39] Fol. 218 tal-proċess.

kriminali, u per konsegwenza għandu jinstab ħati tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qed jinstab ħati l-imputat, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat għandu problema serja ta' abbuż ta' droga kif ukoll problemi ta' natura soċjali hekk kif jirriżulta mix-xhieda li taw il-Psikoterapista Isabelle Jacobsen, l-Uffiċjal tal-Probation Sarah Bezzina u l-Ispettur Roderick Mifsud, liema problemi jeħtieġ li jiġu indirizzati u debitament trattati. Ħadet in konsiderazzjoni ukoll is-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni li ma hijiex qed tinsisti fuq piena karċerarja effettiva fil-konfront ta' l-imputat.

**Decide:**

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat:

1. L-Artikoli 17(b), 18, 28F, 31, 49, 284, 285, 289 u 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu iżda din limitatament għar-reat ta' serq sempliċi, u ħati wkoll tat-tielet u l-ħames imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' erbatax-il (14) xahar priġunerija iżda, billi il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputat, senjatament il-fatt li r-reati ta' serq imwettqa minnu kienu ta' natura sempliċi u l-fatt li l-imputat għandu problema ta' abbuż ta' droga u anke problemi ta' natura soċjali għal liema jeħtieġ jingħata l-għajnuna u trattament, a tenur ta' l-Artikolu 28A u 28E(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' erbatax-il (14) xahar priġunerija hawn impost fuq l-imputat għal erba' (4) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

   A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

   Ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' mitejn Euro (€200) mis-somma ta' elf Euro (€1,000) rappreżentanti d-depożitu impost bid-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera datat 9 ta' Marzu 2021.

   Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ il-Qorti ma tqisx li għandha tirrevoka *contrario imperio* l-imsemmi Digriet għall-ħelsien mill-arrest mogħti mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Marzu 2021 u b'hekk mhux qed tordna l-konsegwenti riarrest ta' l-imputat u għaldaqstant tiċħad it-talba relattiva mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Ai termini ta' l-Artikolu 28H tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza l-imputat iħallas is-segwenti ammonti:

(1) Is-somma ta' €164.11 lil Christopher Sant ta' JB Stores, Iklin;
(2) Is-somma ta' €187.31 lil David Schembri ta' Papier, Sliema; u
(3) Is-somma ta' €23.37 lil Rochelle Apap ta' L'Occitane, Sliema.

Il-Qorti qed twissi lill-imputat li jekk jonqos milli jikkonforma ruħu mad-direttiva hawn imposta fuqu ai termini ta' l-Artikolu 28H tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta entro t-terminu prefiss ta' sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza, il-persuni hawn imsemmija jew min minnhom jistgħu jagħmlu Rikors quddiem il-Qorti, liema Rikors ikollu jiġi notifikat lill-imputat u jiġi appuntat għas-smigħ fi żmien sebat ijiem min-notifika, u jekk il-Qorti, wara tali smigħ, tkun sodisfatta li l-imputat jkun naqas milli hekk jikkonforma ruħu mad-direttiva hawn imposta fuqu, għandha tordna li s-sentenza sospiża tibda sseħħ, jew, għal kawża raġonevoli, tista' tikkonċedi lill-imputat żmien ieħor perentorju li ma jkunx iktar minn xahar, sabiex jikkonforma ruħu mad-direttiva imsemmija.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Superviżjoni u dana għall-perijodu ta' erba' (4) snin mil-llum u taħt il-kondizzjonijiet u termini imposti fid-Digriet ta' Ordni ta' Superviżjoni maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u kopja ta' l-Ordni ta' Superviżjoni maħruġ illum stess jiġu notifikati lid-Direttur tal-Probation Services.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G(9) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tavża lill-imputat li jekk tul il-perijodu li fih ikun fis-seħħ l-Ordni ta' Superviżjoni mogħti fil-konfront tiegħu llum, huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma xi ħtieġa ta' dan l-istess Ordni, f'każijiet serji u ripetuti s-sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'din is-sentenza u li fiha sar l-Ordni ta' Superviżjoni tibda sseħħ jew, mingħajr ħsara għall-kontinwazzjoni ta' l-Ordni ta' Superviżjoni, jeħel ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).

U wara li rat u kkunsidrat:

2. L-Artikoli 28A, 28B u 28Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu iżda peress illi fid-dawl tal-fatt li l-imputat għandu problema serja ta' abbuż ta' droga kif ukoll problemi ta' natura soċjali għal liema jeħtieġ jingħata l-għajnuna u trattament, ma tqisx li tkun ħaġa ġusta w opportuna li tagħmel ordni bis-saħħa ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk ai termini ta' l-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tibdel l-ordni oriġinali ta' sospensjoni ta' erba' (4) snin imposti bis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Anthony Borg" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-14 ta'

Diċembru 2020, għal perijodu ta' erba' (4) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta 'l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti mill-ġdid spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' dan it-terminu ta' sospensjoni, reat li ghalih hemm piena ta' priġunerija.

Peress li mill-provi prodotti, b'mod partikolari mix-xhieda tal-Psikoterapista Isabelle Jacobsen, ta' l-Uffiċjal tal-Probation Sarah Bezzina u ta' l-Ispettur Roderick Mifsud in rappreżentanza tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, jirriżulta li l-imputat għandu problema serja ta' abbuż ta' droga kif ukoll diversi problemi ta' natura soċjali għal liema jeħtieġ jingħata l-għajnuna u trattament, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-istess imputat taħt Ordni ta' Trattament għall-perijodu ta' erba' (4) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza, taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Dan l-Ordni ta' Trattament qed jiġi magħmul għall-fini li l-imputat jingħata it-trattament u kura kollha meħtieġa sabiex jirriabilita ruħhu mill-vizzju ta' l-abbuż ta' droga u sabiex jindirizza u jittratta l-problemi ta' natura soċjali li huwa għandu.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**